MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-5 ta' Settembru, 2005

Rikors Numru. 411/2004/2

**Fl-atti tac-Citazzjoni Numru: 411/2004/RCP fl-ismijiet:-**

**A A.**

**vs.**

**B.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti A A datat 1 ta' Settembru 2005 (a fol. 1) fejn talbet lill-Qorti li testendi t-terminu ghall-izgumbrament sa gheluq il-perjodu tas-sitt t'ijiem kontemplat mill-**artikolu 229 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Settembru 2005 fejn *inter alia* Dr Ruth Scott ghall-intimat tat ruhha b'notifikata bl-istess rikors u bl-avviz ta' l-appuntament tas-smiegh ta' l-istess rikors u opponiet ghall-istess.

Rat il-verbal fejn jirrizulta li effettivament ir-rikorrenti diga harget mid-dar matrimonjali hemm imsemmija u d-difensuri tal-partijiet jidher li qablu dwar dan l-istat ta' fatt, li jirrizulta llum.

Rat fi kwalunkwe kaz id-digriet taghha odjern dwar ir-rikors abbazi ta' l-**artikolu 229 (3) tal-Kap 12,** liema rikors ta' l-attrici w allura il-permess mitlub mill-attrici biex tappella mid-digriet ta' din il-Qorti tat-30 t'Awissu 2005 gie michud.

Illi ghalhekk din il-Qorti fil-kuntest ta' dan kollu thoss li t-talba ta' l-istess rikorrenti ghandha tigi wkoll michuda.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-oggezzjoni tal-konvenut **tichad ir-rikors tal-attrici datat 1 ta' Settembru 2005** b'dan li tikkonferma d-digriet ta' din il-Qorti datat 30 t'Awissu 2005.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess attrici rikorrenti A A.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------